

32004R0223

10.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 37/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 223/2004**tad-9 ta' Frar 2004****li jżid ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2301/97 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-Reġistru ta' ċertifikati ta' karattru speċifiku kif hemm provdut dwar dan fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2082/92 dwar ċertifikati ta' karattru speċifiku għal prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel (Hushallsost)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar iċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92, l-Isvezja bagħtet applikazzjoni lill-Kummissjoni sabiex l-“Hushallsost” jiddaħħal fir-Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku.
- (2) Id-deskrizzjoni “speċjalità tradizzjonali garantita” tista' tintuża biss għal ismijiet mdaħħla f'dak ir-reġistru.
- (3) Ma ntbagħtet l-ebda oġġezzjoni lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament wara li ġie pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* ⁽²⁾ l-isem li jidher fl-Anness għal dan.

(4) Bħala konsegwenza, l-isem imniżżel fl-Anness għandu jiddaħħal fir-Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku u, permezz ta' dak, protett bħala speċjalità garantita fi ħdan il-Komunità skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92.

(5) L-Anness għal dan jizjed ma' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2301/97 ⁽³⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem fl-Anness għal dan huwa hawnhekk miżjud ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2301/97 u mdaħħal fir-Reġistru taċ-ċertifikati ta' karattru speċifiku skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2082/92.

Il-protezzjoni mogħtija bl-Artikolu 13(2) ta' dak ir-Regolament ma tapplikax.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24.07.92, p. 9. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.05.03, p. 1).

⁽²⁾ ĠU C 110, tat-8.5.2003, p. 18 (Hushallsost).

⁽³⁾ ĠU L 319, 21.11.97, p. 8. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 317/2003 (ĠU L 46, 20.02.03, p. 19).

L-ANNEX

L-ISVEZJA

Ġobnijiet

— Hushállsost
